



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13573/20

COPS 432
CIVCOM 182
POLMIL 188
CFSP/PESC 1064
CSDP/PSDC 601
RELEX 964
JAI 1055

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	13440/20 COPS 425 CIVCOM 180 POLMIL 183 CFSP/PESC 1048 CSDP/PSDC 594 RELEX 940 JAI 1038 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Medjazzjoni għall-Paċi tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Medjazzjoni għall-Paċi tal-UE, kif adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Diċembru 2020.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
DWAR IL-MEDJAZZJONI GĦALL-PAĊI TAL-UE**

1. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-medjazzjoni għall-paċi bħala għodda ewlenija għall-prevenzjoni u r-risoluzzjoni ta' konflitti u t-tiswir tal-paċi taħt il-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni meta jiġu indirizzati r-riskji għall-paċi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-Kunċett il-ġdid dwar il-Medjazzjoni għall-Paċi tal-UE (WK 12466/2020), li jibni fuq u jissostitwixxi l-Kunċett tal-2009 dwar it-tisħiħ tal-Kapaċitajiet ta' Medjazzjoni u Djalogu tal-UE (dok. 15779/09). Il-Kunċett il-ġdid jirrifletti ambizzjoni akbar għall-Unjoni Ewropea (UE) fil-prattika tal-medjazzjoni għall-paċi.
2. Konflitti vjolenti u sfidi għas-sigurtà emerġenti ġodda jirrappreżentaw theddida għall-paċi u l-istabbiltà. Il-Kunsill jappella għal involviment tal-UE f'waqtu, aktar proattiv u determinat fil-prevenzjoni u r-risoluzzjoni ta' konflitti, inkluż permezz ta' medjazzjoni għall-paċi bbażata fuq il-valuri.
3. Il-Kunsill jissottolinja l-approċċ ibbażat fuq il-valuri tal-UE għall-medjazzjoni għall-paċi, li huwa msejjes fuq il-valuri fundamentali tagħha. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tal-Unjoni Ewropea li tkompli tavvanza l-valuri universali għal kulħadd. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem ser ikompli jirfdu l-aspetti kollha tal-politiki interni u esterni tal-Unjoni Ewropea.
4. Il-Kunsill jissottolinja l-impenn tal-UE li tiddefendi u ssaħħa l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu, u li tiżgura multilateraliżmu effettiv ibbażat fuq ir-rispett għan-normi u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, id-dritt umanitarju internazzjonali, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, anke permezz tal-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem. Huwa jfakkar fir-rwol tan-NU bħala s-sieħeb strateġiku naturali tal-UE fil-prevenzjoni tal-konflitti u fir-risoluzzjoni tal-kriżijiet madwar id-dinja.

5. Il-Kunsill jenfasizza li s-sensittività għall-konflitt u l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" jiggwidaw l-impenn ta' medjazzjoni tal-UE. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-medjazzjoni u t-tiswir tal-paċi jistgħu jkunu proċessi twal, nonlineari u iterattivi, u li r-riskji assoċjati mal-involvement ma għandhomx jipprekludu l-involvement.
6. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-bniet bħala prijorità fl-oqsma kollha ta' azzjoni. F'dan il-kuntest l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-aċċess sħiħ, ugwali u sinifikanti tan-nisa fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u tal-paċi fil-livelli kollha, kif ukoll il-parteċipazzjoni u r-rwol ta' tmexxija tagħhom f'dawn il-proċessi, huma prijorità speċifika għall-UE, u għalhekk il-Kunsill jissottolinja il-ħtieġa għal miżuri speċifiċi f'dan ir-rigward. Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE għall-implimentazzjoni sħiħa tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (WPS) u jilqa' l-kontribut li l-Kunċett dwar il-Medjazzjoni għall-Paċi tal-UE jagħmel għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika tal-UE dwar id-WPS.
7. Il-Kunsill ifakkar li l-medjazzjoni għall-paċi hija parti mill-Approċċ Integrat tal-UE għal Konflitti u Kriżijiet Esterni, li fi ħdanu hija tagħmel parti minn rispons politikament u operazzjonalment koerenti tal-UE bbażat fuq analiżi kondiviżi tal-konflitti fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE. L-applikazzjoni tal-Approċċ Integrat għall-medjazzjoni teħtieġ li l-UE tkompli ssaħħaħ il-mod kif tlaqqa' flimkien l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, l-għarfien espert u l-istrumenti rilevanti. Il-Kunsill jikkonferma li l-Approċċ Integrat jipprovdi l-qafas adatt biex jiġi ddeterminat liema għodod u strumenti jistgħu jkunu utli għall-UE fl-approċċ ta' medjazzjoni tagħha għal kuntest speċifiku. F'dan ir-rigward, il-missjonijiet ċivili tal-PSDK jista' jkollhom ukoll rwol ta' appoġġ fil-monitoraġġ tal-paċi u l-medjazzjoni għall-paċi, fejn rilevanti u skont il-mandat rispettiv tagħhom.
8. Fid-dawl tan-natura kumplessa tal-konflitti attwali, li jeħtieġu approċċ fuq diversi binarji, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġu appoġġati proċessi ta' paċi inklużivi li jikkonformaw mad-dritt internazzjonali, ifittxu l-involvement tal-partijiet ikkonċernati fil-livelli internazzjonali u reġjonali u jinvolvu l-livelli u s-segmenti kollha tas-soċjetà, minn mexxejja politiċi sas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet lokali, inkluż il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh, u b'kont meħud tas-sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal f'konflitt armat.

9. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li l-isforzi ta' medjazzjoni għall-paċi tal-UE iqisu l-effett li t-tibdil fil-klima għandu fuq il-paċi u s-sigurtà. Il-Kunsill jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima huwa multiplikatur tat-theddid li jaggrava l-konflitti, jipperikola t-tiswir tal-paċi, u joħloq instabbilitajiet mhux previsti ġodda. Il-Kunsill jissottolinja li r-riskji relatati mal-klima għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati b'mod konsistenti fl-strateġiji għall-prevenzjoni ta' konflitti, iż-żamma tal-paċi u t-tiswir tal-paċi.
10. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-wirt kulturali fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti, fil-promozzjoni tal-edukazzjoni dwar din il-kwistjoni, u jappella biex dawn l-aspetti jingħataw aktar attenzjoni fil-medjazzjoni għall-paċi tal-UE.
11. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li ssir ħidma ma' atturi ta' medjazzjoni, b'mod partikolari ma' dawk li jikkondividu r-rispett tal-UE għal approċċ ibbażat fuq il-prinċipji u l-valuri għall-medjazzjoni għall-paċi, b'mod partikolari ma' organizzazzjonijiet multilaterali u reġjonali li jistgħu jużaw relazzjonijiet uniċi ta' fiduċja u jifflu djalogi ffaċilitati mal-atturi tal-paċi u tal-konflitt fir-reġjuni tagħhom, bħall-OSKE. Huwa jinkoraġġixxi wkoll sħubijiet u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi lokali, inkluż dawk li jirrappreżentaw il-pajjiżi u r-reġjuni milqutin minn konflitt vjolenti.
12. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jsir użu sħiħ u f'waqtu tal-istrumenti tal-UE li għandhom effett ta' lieva u huma sensittivi għall-konflitti biex jiġu appoġġati l-oġettivi ta' medjazzjoni għall-paċi tal-UE u biex il-partijiet involuti fil-konflitt jiġu involuti fi djalogu bil-ħsieb li tissawwar u tinżamm il-paċi.
13. Il-Kunsill iqis li t-tisħiħ tal-kapaċità u t-taħriġ kontinwi, ipprovduti mill-aġenziji, l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE, kif ukoll gwida Prattika dwar il-medjazzjoni għall-atturi ta' medjazzjoni tal-UE, inkluż l-Istati Membri, u s-sħab tal-UE, b'enfasi fuq kwistjonijiet dejjem aktar importanti għall-medjazzjoni għall-paċi, bħall-preservazzjoni tal-wirt kulturali, it-teknoloġiji diġitali, is-saħħa mentali u l-appoġġ psikosoċjali, it-tibdil fil-klima, l-aċċess limitat għar-riżorsi naturali, b'mod partikolari l-ilma, u d-degradazzjoni ambjentali, ser ikunu importanti biex tiġi żgurata l-evoluzzjoni kontinwa tal-prassi ta' medjazzjoni tal-UE.

14. Il-konsiderazzjonijiet tal-prevenzjoni ta' konflitti u l-medjazzjoni għandhom jiġu riflessi fid-dokumenti strateġiċi u ta' programmar tal-UE u integrati fil-ħidma tal-Kunsill fi ħdan il-Politika Eterra u ta' Sigurtà Komuni. Il-Kunsill jistieden lis-SEAE biex jirrapporta lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà dwar il-progress li jsir fir-rigward tal-elementi ewlenin stabbiliti fil-Kunċett fi żmien sena, u fuq bażi annwali minn hemm 'il quddiem.
-